MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2008

Appell Kriminali Numru. 378/2007

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Nicolai (Nicolai Christian) Magrin**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-29 t'April, 2006, ghall-habta tat-8.15 p.m. fi Triq it-Torri, Sliema, saq vettura numru FQZ-114
1. b'manjiera traskurata;
2. saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura numru FQZ-114 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb;
3. saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura numru FQZ-114 fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs kien izjed mill-limitu preskritt;
4. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-

regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Giuseppe Cuschieri, skond kif iccertifika Dr. Mark LittleJohn M.D. ta' St. Luke' Hospital.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 t'Ottubru, 2007, li biha, wara li rat l-artikolu 527 tal-Kap. 9 ma sabitx lill-appellat hati w illiberatu mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-2 ta' Novembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata w minflok wara li tisma' l-provi, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe' :- Li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tilqa' l-eccezzjoni tad-difiza ta' *ne bis in idem*. Infatti l-akkuzi originali w dawk tal-lum ghandhom elementi importanti differenti w cioe' l-hin tal-incident. Li hu car li l-appellant kien gie liberat precedentement ghax il-hin kien differenti minn dak li fih gara l-allegat incident stradali. Ghalhekk il-prosekuzzjoni kienet korretta meta regghet ipprezentat ic-citazzjoni bil-hin ezatt ghax dawk l-akkuzi kif <u>issa</u> indikati kienu differenti mill-akkuzi originali f' element <u>determinanti</u> w cioe' l-hin. Tant kien determinanti dan l-element li l-Ewwel Qorti lliberat fil-kaz originali.

Semghet ix-xiehda ta' **PS 1268 Ivan Caruana** fl-udjenza tal-21 ta' Frar, 2008 ;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat in-noti ta' riferenzi tal-appellat tal-14 ta' Jannar u tat-28 ta' Frar, 2008 u l-kazistika hemm citata;

Rat l-Ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi mix-xiehda ta' PS Caruana jirrizulta li fid-29 t' April, 2006, ghall-habta tat-8 pm. il-Pulizija kienet irecviet telefonata li biha giet infurmata li kien hemm van li kien tajjar ragel. Kienu marru fuq il-post u hejjew rapport. Esebixxa l-okkorrenza relattiva. Hu kien dahal ghax-xoghol fis-1 pm. dak in-nhar u ma kien ha ebda *hand-over* dwar xi incident iehor filghodu dak in-nhar. Hu kien xehed quddiem l-Ewwel Qorti w qal li l-incident kien gara fit-8 pm.

Illi mill-atti jirrizulta li meta gie akkuzat quddiem il-Qorti l-ewwel darba pero' il-hin tal-incident kien gie indikat bhala 8.15am u wara li xehed is-Surgent, dik il-Qorti kienet illiberat lill-imputat minnhabba li l-hin fic-citazzjoni ma kienx jaqbel ma dak li dwaru ddepona x-xhud.

Ikkonsidrat:

Li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-gurisprudenza citata mill-partijiet u tara li l-fattispecji tal-kazijiet kollha citati w l-konsegwenzi guridici li jemanu minnhom ma humiex identici ghal dawk mertu ta' din il-kawza. Kwindi s-soluzzjonijiet li inghataw f' dawk is-sentenzi mhux necessarjament huma applikabbli ghal dan il-kaz.

Illi din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li dan l-incident kollu seta' gie evitat kieku l-Ispettur Prosekutur fl-ewwel kawza, appena ntebah li kellu zball fil-hin li kien indikat fil-komparixxi, talab korrezzjoni biex iz-zewg ittri **"am."** jimbidlu w jigu sostitwiti biz-zewg ittri **"pm."** Dan seta' jsir tempestivament kieku l-prosekutur kien *"alert"* bizzejjed u l-Ewwel Qorti zgur li kienet tilqa' t-talba ghal tali korrezzjoni w, f' kaz li ma tilqaghhiex, tali decizjoni kienet tkun appellabbli. Dan pero' ma sarx meta seta' w kellu jsir fl-ewwel process.

B' dana kollu, jekk it-test biex wiehed jistabilixxi jekk hix applikabbli l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem,* huwa dak citat mill-istess appellat fil-kawza "**Sua Maesta' il-Re versus Agata Mifsud e Carmelo Galea"** [15.6.1918] u cioe' fejn intqal li :

*"un criterio pratico non meno che ragionale per determinare se ad un dato caso si applichi la regola "non bis in idem" e' quello appunto affermato dalla giurisprudenza ed accolto dalla dottrina giuridica in Inghilterra .* ***"The true test by which the question whether such a plea (i.e. Autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first.",*** (emfasi ta' din il-Qorti.)

allura zgur li f' dan il-kaz din l-eccezzjoni mhix applikabbli. Dan ghaliex it-testimonjanza tas-Surgent (u ovvjament tax-xhieda l-ohra tal-prosekuzzjoni) dwar il-**hin** tal-incident qatt u qatt ma setghet twassal biex tinstab htija kontra l-appellat f' dik il-kawza ghaliex altru incident li gara fit-tminja w kwart ta' filghodu w altru incident li gara fit-tminja w kwart ta' bil-lejl. Ghalhekk it-tieni kawza bazata fuq komparixxi li turi l-hin bhala dak tat-8.15pm kienet materjalment differenti f' element importanti mill-ewwel akkuza w cioe' l-hin.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tara li l-appell tal-Avukat Generali hu ben fondat fid-dritt u qed jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata fejn iddikjarat li stante li l-imputat (illum appellat) kien gja gie gudikat fuq l-istess fatti skond l-artikolu 527 tal-Kap. 9, illiberatu mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu w minnflok tordna l-prosegwiment tal-kawza, pero', biex ma tipprivax lil-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-process lill-Ewwel Qorti, biex, wara li jinstemghu l-provi kollha, l-kaz jerga' jigi deciz skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------